**MINUTI**
**Laqgħa tal-Kunsill Lokali taż-Żejtun**

Żejtun Citta` Beland
Frott iż-Żebbuġ Ismi

**Laqgħa Nru. 03/22**

| | |
|---|---|
| **Data:** | It-Tnejn, 14 ta' Marzu 2022 |
| **Ħin:** | 5.45pm |
| **Post:** | Sala Mikiel Cachia, 'Dar iż-Żwieten', Kunsill Lokali, 28 Triq Sant' Anġlu, Żejtun |
| **Preżenti** | Maria Dolores Abela - Sindku<br>Joan Agius - Viċi-Sindku (Skużata)<br>Dorcas Camilleri - Kunsilliera (Skużata)<br>Gesmond Baldacchino - Kunsillier<br>Raymond Caruana - Kunsillier (Skużat)<br>Roderick Caruana - Kunsillier (Skużat)<br>Sean Chircop - Kunsillier<br>Stephanie Fenech - Kunsilliera<br>Amanda Abela - Kunsilliera<br>Angelo Caruana - Assistent Prinċipali<br>Anton Falzon - Segretarju Eżekuttiv |

**AĠENDA**

| | |
|---|---|
| **03.01** | **Qari tal-ittri ta' apoloġiji;** |
| **03.02** | **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-minuti;** |
| **03.03** | **Komunikazzjoni mis-Sindku u Korrispondenza;** |
| **03.04** | **Tweġibiet għal mistoqsijiet mill-Kunsilliera;** |
| **03.05** | ***Items* oħra ta' xogħol tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa** |
| **03.06** | **Attivitajiet organizzati mill-Kunsill;** |
| **03.07** | **Proġetti;** |
| **03.03** | **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda tal-pagamenti;** |
| **03.09** | **Mozzjonijiet; u** |
| **03.10** | **Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss** |

**03. 1.** **Qari tal-ittri ta' apoloġiji;**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 03. 1. 1 | | Segretarju Eżekuttiv | Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq għall-approvazzjoni erba' ittri ta' apoloġija minn Agius, Camilleri, Caruana Ray minħabba xogħol relatat mal-elezzjoni u Caruana Roderick raġuni personali. | Segretarju Eżekuttiv |

**03. 2.** **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-minuti;**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| | | Proponent:<br>Sekondant: | Il-Minuti 01/22 kienu diġa approvati fil-laqgħa pubblika. B'dawn il- korrezzjonijiet. | |
| 03. 2. 1 | 01.02.05 | Sindku | Is-Sindku qalet li għandha tiżdied li l-Kunsill xorta huwa favur u qed jaħdem biex isir parkeġġ taħt l-art f'din iż-żona. | |

**Wara l-minuti ġew iffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv**

**03. 2.** **Rapporti mill-Minuti**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 03. 2 5 | 01.02.06 | Fenech: Problema bil-ħmieġ tal-ħamiem | Fenech qalet li issa l-bye-law hija approvata, t-tabelli huma ordnati. Ġie nstallat feeder fuq il-knisja. L-exterminator huwa nkarigat minn dan il-proġett sabiex kif qalulna fi żmien sitt xhur nibdew naraw il-frott tagħha u tibda tissolva l-problema. | Fenech |
| 03. 2 6 | 01.02.07 | Fenech: Depożitu | Fenech qalet li dan ġie mħallas kif kien mifthiem. | Fenech |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 03. | 2 | 7 | 01.02.09 | Chircop: Dawl mal-arloġġ tal-knisja | Chircop qal li issa dan id-dawl intefa għal kollox kif kienet ix-xewqa ta' ħafna. | Chircop |
| 03. | 2 | 8 | 01.03.02 | Fenech: Tender għal van elettriku | Fenech qalet li mal-ewwel sejħa ħadd ma sottometta tenders u kellha terġa toħroġ sejħa oħra għal dan li ser tagħlaq f'Marzu. | Fenech |
| 03. | 2 | 9 | 01.03.05 | Sindku: Misraħ is-Suq | Is-Sindku qalet li rigward ix-xogħol fis-suq, kull kunsillier kellu l-opportunita' li jistaqsi u jara l-pjanti peress li dan kien diġa' ssemma fil-laqgħa li saret f'Jannar. Qalet li sar xi diskors anke fuq il-midja soċjali dwar dan li ma jagħmilx ġih la lil kunsill u wisq anqas lill-Kunsillier li jkun kiteb, meta dan seta' juri l-veduti tiegħu waqt il-laqgħat. Il-kunsill xorta waħda huwa tal-fehma li 'l quddiem hemhekk isir parkeġġ taħt l-art. | Sindku |
| 03. | 2 | 10 | 01.03.06 | Sindku: Il-kuntratt tal-skart | Is-Sindku qalet li bħalissa l-persuna li nikkomunikaw miegħu biex ix-xogħol jimxi tajjeb, mhux qed ikun disponibbli, minħabba raġunijiet li m'hemmx kontroll fuqhom. Għaldaqstant, x'aktarx id-direzzjoni ser tkun li toħroġ sejħa minn naħa tagħna jew eventwalment mir-Reġjun Tramuntana peress li għad baqa' issir konsultazzjoni mal-kunsilli lokali li x' aktarx tieħu fit-tul. Dan meta jiskadi l-kuntratt eżistenti. | Segretarju Eżekuttiv |
| 03. | 2 | 11 | 01.04.01 | Fenech: Dawl fl-Skate Park | Fenech reġgħat ġibdet l-attenzjoni li għadu bla dawl. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li s'issa ma jidhrix li kien hemm żvilupp sabiex tisewwa din il-ħsara. | Segretarju Eżekuttiv |
| 03. | 2 | 12 | 01.04.03 | Sindku: One-Way fi Triq Bugħarbiel | Is-Sindku qalet li rċevejna petizzjoni iffirmata minn tnejn u għoxrin (22) resident sabiex din issir one-way. Għalkemm ser tiġi kkunsidrata, qalet li qabel ma niddeċidu fuq triq waħda, qed isir pjan ħolistiku taż-żoni fejn qed jiġu studjati kif it-traffiku għandu jdur min dawn it-toroq. | Sindku / Kunsilliera |
| 03. | 2 | 13 | 01.05.01 | Sindku: Sqaqin | Is-Sindku qalet li sibna ntopp minħabba li m'hemmx qbil mill-kuntrattur mal-W.S.C. dwar il-prezzijiet tal-framework tas-servizzi tal-ilma. Għalhekk bħalissa x-xogħol jinsab wieqaf. | Sindku |
| 03. | 2 | 14 | 01.05.02 | Sindku: Problema ta' ilma n-naħa tad-dog park | Is-Sindku fakkret li għandna nkellmu l-perit sabiex tinsab soluzzjoni għal din il-problema. Is-Segretarju Eżekuttiv ser jieħu ħsieb jagħmel dan. | Segretarju Eżekuttiv |
| 03. | 2 | 15 | 01.11.01 | Sindku: Librerija | Is-Sindku qalet li tkellmet mas-sorijiet tal-Qalb ta' Ġesu' fejn offritilna l-*basement* tad-dar tagħhom sabiex tiġi rilokata l-librerija. Peress li l-post mhux aċċessibli u hemm ħafna umdita', mhuwiex il-post ideali u ser inkunu qed infittxu post alternattiv. Għalhekk għalissa l-librerija ser tibqa' fejn hi. | Sindku |

**03 3 Komunikazzjoni mis-Sindku u Korrispondenza;**

Il-Kunsill ikkonsidra l-korrispondenza li rċieva kif inkluża fir-rendikont ML03/22. B'riferenza għal:

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 03 3 1 | | Sindku: Impjegati mal-kunsill | Is-Sindku qalet li ġejna nfurmati mill-Jobsplus li bħalissa l-proċess ta' reklutaġġ huwa wieqaf sakemm maħtur gvern ġdid. Għalhekk l-ingaġġ ta' żewġ ħaddiema manwali ser ikollu jittardja. | Segretarju Eżekuttiv |
| 03 3 2 | | Sindku: Vannijiet elettriċi | Is-Sindku qalet li wara li ħadna diversi fondi għal żewġ vannijiet minn entitajiet oħra għal istess għan, ressaqna proposta lill-LESA sabiex wieħed mill-vannijiet ikun ta' użu għall-ħaddiema tal-kunsill. Iddiskutewha fil-bord tal-LESA u tawna tlett għażliet, li nużawh għal-komunita', li jintuża għax-xogħol tal-kunsill mill-ħaddiema jew inkella nirtiraw l-applikazzjoni u nkunu eliġibbli għal sejħiet oħra. Ser naraw jaċċettawx l-ewwel żewġ porposti. Kien hemm qbil unanimu dwar dan. | Segretarju Eżekuttiv |
| 03 3 3 | 02 | MHAL: Outdoor Ground Fixed Percussion Exhibits | Is-Sindku infurmat lill-kunsill li din l-applikazzjoni ġiet aċċettata u dawn ser ikunu qed jiġu nstallati fi Ġnien il-Qawsalla. | Sindku |
| 03 3 4 | 03 | Segretarju Eżekuttiv u Sindku: Triq Bisqallin | L-Awtorita' tal-Artijiet ikkonfermat li din hija triq privata li qatt ma sar żvilupp fuqha, għalhekk s-sid jista' japplika sabiex din tiġi żvilupata. Chircop żid li skond il-pjan lokali, din iż-żona trid ma tistax tiġi żvilupata. | Segretarju Eżekuttiv |
| 03 3 5 | | Sindku: | Is-Sindku qalet li ġiet ikkuntatjata mis-Sinjura Astrid Vella minn Flimkien għal Ambjent Aħjar sabiex tara irridux nidħlu fiċ-charter fil-pjan ta' konservazzjoni ta' postijiet storiċi u żona ta' konservazzjoni. Chircop qal li ra d-dokument u bbażata fuq il-viżjoni tal-gvern. Kien hemm diskussjoni dwar dan u kien hemm qbil li sakemm il-Kunsill jibqa' jkolli l-awtonomija fid-deċiżjonijiet tagħna m'għandniex problema li nissieħbu. | Segretarju Eżekuttiv |

**03. 4.** **Tweġibiet għal mistoqsijiet mill-Kunsilliera;**

| **Riferenza** | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
|---|---|---|---|---|
| 03. 4 1 | | Baldacchino: *Charging pillar* | Baldacchino staqsa jekk hux ser issir charging pillar fis-suq. Is-Sindku qalet li diġa hemm waħda installata fi triq is-suq. Fenech talbet sabiex tinġabar statistika dwar l-użu tagħhom. | |

**03. 5.** **Items oħra ta' xogħol tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa**

| **Riferenza** | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
|---|---|---|---|---|
| 03. 5 1 | | | Ma kinx iktar xogħol li tressaq waqt din il-laqgħa. | |

**03. 6.** **Attivitajiet organizzati mill-Kunsill;**

| **Riferenza** | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
|---|---|---|---|---|
| 03. 6. 1 | | Fenech: CulturALLA | Fenech qalet li dan il-proġett ser ikun mifrux fuq sentejn fejn fl-aħħar ta' Marzu, hi flimkien ma' wieħed mill-ħaddiema klerikali ser iżuru Sabionetta fl-Italja sabiex isiru laqgħat ta' preparazzjoni għal dan il-proġett. Dan huwa proġett li jinkoraġġixxi żgħażagħ ikunu iktar attivi fil-kultura. | Fenech |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 03. | 6. | 2 | Fenech: Mr u Mrs Supranatural | Fenech qalet li ġew ikellmuna żewġ żgħażagħ Żwieten, Sheldon Pace u Janei Desira. Dawn ser ikunu qed jirrappreżentaw il-lokalita' taż-Żejtun waqt il-Miss & Mister Supranational, li ser issir fid-29 t'April. Huma ħadu l-inizjattiva illi jiġbru ikel b'risq il-Foodbank Lifeline Foundation fejn qed iħeġġu lir-residenti sabiex iġibu ikel, nhar is-Sibt 19 ta' Marzu bejn id-9am u l-11am ġewwa Misraħ Girgor Bonici. Filwaqt li nissaportjaw din l-inizjattiva, nirringrazzjaw lil kull min se jaghti d-donazzjoni tiegħu u nawguraw lil Sheldon u Janei kull suċċess. | Fenech |
| 03. | 6. | 3 | Sindku: Flimkien għal Ambjent Aħjar | Is-Sindku qalet li s-Sa Vella wriet ix-xewqa li jiġu organizzati żewġ mixjiet fiċ-ċentru tal-lokal f'April jew Mejju. Iktar dettalji ser jitħabbru fil-jiem li ġejjien. Dawn ser isiru bil-kollaborazzjoni tal-kunsill. | |
| 03. | 6. | 4 | Fenech: Bank tad-demm | Fenech qalet li fl-20 ta' Marzu ser jiġi l-bank tad-demm. Inħeġġu lir-residenti sabiex jersqu u jagħtu d-demm. | Fenech |
| 03. | 6. | 5 | Chircop: Tnehdija tal-ktieb | Chircop qal li fit-13 ta' Marzu ġie mniedi il-ktieb Kelmtejn mill-popolinfis-sala tal-kunsill minħabba l-maltemp. Il-ktieb qiegħed jitqassam b'xejn mill-kunsill. Bħala spejjez il-Kunsill ma ħareġ xejn għax is-sound qed nippruvaw inġibuh b'xejn. | Chircop |
| 03. | 6. | 6 | Chircop: Kompetizzjoni tal-fotografija | Chircop qal li ġiet imnedija kompetizzjoni tal-fotografija sabiex jiġu magħżula sett ritratti għas sala tal-kunsill biex issir wirja permanenti. Huwa żied li fl-10 t'April il-grupp tal -fotografija 360, ser jorganizza dawra fil-lokal fejn min ser jattendi jista' jiġbed ir-ritratti u jdaħħalhom fl-istess kompetizzjoni. | Chircop |
| 03. | 6. | 7 | Chircop: Fuljett tal-wirjiet | Chircop qal li għal sena oħra ser isir fuljett bil-wirjiet kollha tal-lokal li ser jiġu organizzati mill-għaqdiet. | Chircop |
| 03. | 6. | 8 | Chircop: Kompetizzjoni tal-Ġimgħa l-Kbira | Chircop qal li ser tiġi organizzata kompetizzjoni għal-armar tal-ġimgħa l-kbira. Dettalji jitħabbru dalwaqt. | Chircop |
| 03. | 6. | 9 | Chircop: Ġieh iż-Żejtun | Chircop qal lis er jinfetħu n-nomini għal Ġieh iż-Żejtun kif ukoll il-konkors letterarju. | Chircop |
| 03. | 6. | 10 | Chircop: XirCammini | Chircop qal li wara li kellha titħassar il-mixja minħabba l-pandemija, din is-sena ser issir bħal ma kienet issir fl-antik, jiġifieri mill-Imdina saż-Żejtun. Ser ikun qed tiġi komunikata r-rotta kif ser tgħaddi. | Chircop |

**03. 7.** **Proġetti;**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 03 7 1 | | Sindku: Proġetti | Is-Sindku qalet li l-proġett tas-suq wasal f'fażi avvanzata fejn diġa saru l-bankini, ingħatat il-ħamrija fejn ser ikunu qed jitwaħħlu siġar u arbuxelli biex jissebaħ il-parkeġġ. Qalet ukoll li minħabba l-istat ħażin li kien jinsab fih, ftit li xejn ser jonqsu parkeġġi minn dak eżistenti, voldiri ser ikunu jistgħu jipparkjaw fih 81 vettura kif jitlesta. Qed jiġi mħaffer ukoll ġibjun sabiex ikunu jistgħu jissaqew is-siġar u l-arbuxelli. Qalet li meta n-nies igorru, wieħed irid jevalwa u mhux jasal għal konklużżjoni żbaljata. Il-Kunsill xorta waħda ser jibqa' jinsisti li jsir il-parkeġġ taħt l-art, hekk kif dan kien propost fil-manifest elettorali tagħna. Dan fid-dawl li l-problema ta' parkeġġ saret kull ma jmur tiggrava.<br>Ħadna fondi li jammontaw għal €18,722 mill-iskema SPI 2/2021 sabiex jissebbaħ Ġnien Brejġu u ser inkunu qed nevalwaw kif ser nipproċedu. Dwar sil-pavimentar ta' Ġnien l-Għannejja Żwieten tlabna lill-perit sabiex jgħaddilna d-disinni. Ġejna nfurmati wkoll li l-proġett tal-Bellus ġie approvat b'fondi ta' €100,000 fejn ser ikunu qed jiġu rranġati l-ħitan tas-sejjiegħ fir-ring road, ssir trakka għal mixi u jogging minn Triq Dun Pawl Brunchell sa Ġebel San Martin. Qalet ukoll li applikajna għal fondi minn Ambjent Malta għal proġett f'Ħal Tmin. | Sindku |

**03. 8. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda tal-pagamenti;**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 03. 8. 1 | | Tabella tal-Ħlasijiet 03/22 | Il-Kunsill approva nem.con. li jħallas għas-servizzi kuntrattwali skond ir-rakkomandazzjoni tar-rappreżentant tal-Kunsill. | Segretarju Eżekuttiv |
| 03. 8. 2 | | Talbiet għal Xiri Seduta 03/22 | Il-Kunsill approva nem.con. il-lista ta' ordnijiet għal xiri ta' xogħlijiet, oġġetti jew servizzi. | Segretarju Eżekuttiv |
| 03. 8. 3 | | *Petty Cash* - Frar 2022 | Il-Kunsill approva nem.con. il-*petty cash* li ntefaq fix-xahar ta' Frar hekk kif preżentat. Dan kien jammonta għal €150.98 | Segretarju Eżekuttiv |

**03 9 Mozzjonijiet; u**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 03. 9 1 | | | Ma kinx hemm mozzjonijiet imressqa | |

**03 10 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|

Is-Sindku għalqet il-laqgħa fis-7:17pm. Laqgħa oħra ser issir nhar it-Tnejn, 25 ta' April 2022 fis-Sala Mikiel Cachia fl-uffiċċji tal-Kunsill Lokali Żejtun fil-5:30pm.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Maria Dolores Abela | Anton Falzon |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |